**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.10650 – EGERIA / ISOPLUS GROUP / BRUGG / ISOPLUS JV)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 157/08)

1. Fl-1 ta' April 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Egeria Group AG ("Egeria", l-Iżvizzera);

— Isoplus Fernwärmetechnik GmbH (il-Ġermanja), Isoplus Fernwärmetechnik Vertriebsgesellschaft mbH (il-Ġermanja), ISOPLUS Managementgesellschaft mbH (il-Ġermanja), Isoplus Fernwärmetechnik Gesellschaft m.b.H. (l-Awstrija), Isoplus Isoplus Távhővezetőgyártó Korlátolt Felelősségű Társaság (l-Ungerija), flimkien "Isoplus Group";

— Brugg Rohrsysteme GmbH ("BRUGG", il-Ġermanja);

— ISOBRUGG Stahlmantelrohr GmbH ("Isoplus JV", il-Ġermanja), impriża bi sħab (joint venture, JV) ikkontrollata minn Holding für Fernwärmetechnik Beteiligungsgesellschaft mbH ("HFB", il-Ġermanja); u BRUGG.

Egeria se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Isoplus Group u l-kontroll bi sħab tal-impriża Isoplus JV kollha kemm hi, flimkien ma' BRUGG.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Egeria: kumpanija ta' investiment attiva f'ekwità privata, proprjetà immobbli kummerċjali u residenzjali, u parteċipazzjonijiet f'kumpaniji kkwotati fil-Borża, b'enfasi fuq in-Netherlands u r-reġjun tad-DACH;

— Isoplus Group u Isoplus JV: il-manifattura u d-distribuzzjoni ta' sistemi ta' pajpijiet iżolati minn qabel, prinċipalment għat-tisħin distrettwali u t-tkessiħ distrettwali u sa ċertu punt ukoll għal applikazzjonijiet industrijali għal mezzi ġieri (bħall-ikel u l-kimika), pipeline taż-żejt, bijoenerġija, agrikoltura u monitoraġġ tan-netwerk, b'enfasi fuq l-Ewropa Ċentrali;

— BRUGG: attiva fis-setturi lokali tat-tisħin, tat-tisħin distrettwali, tat-tkessiħ, tal-ilma kiesaħ, industrijali, tal-pompi tal-mili u tal-faċilitajiet tat-tankijiet, li jvarjaw minn pariri dwar it-tqegħid sat-tmexxija u l-installazzjoni tal-proġetti, b'enfasi fuq l-Ewropa Ċentrali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10650 – EGERIA / ISOPLUS GROUP / BRUGG / ISOPLUS JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË